# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 29**

**Rikors maħluf numru 265/2010 JPG**

**Francis Schembri**

***v.***

**Angelo sive Anglu Mifsud f'ismu proprju kif ukoll għan-nom tas-soċjeta` *Lambusa Maritime Shipping Limited* (C-39329), u b'digriet tad-29 ta' Lulju 2011 Angelic Mifsud u s-soċjetà *Lambusa Maritime Company Limited*, magħrufa wkoll *Lambusa Maritime Shipping Limited* (C39329)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi u appell inċidentali tal-konvenuti minn sentenza mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 2015 li ċaħdet kemm it-talbiet tal-attur u kemm il-kontro-talbiet tal-konvenuti. L-attur kien talab il-ħlas ta' sehmu mill-qligħ li jgħid li l-konvenuti għamlu wara ftehim bejn il-partijiet li l-konvenuti jinqdew

b'lanċa tal-attur u jaqsmu l-qligħ miegħu, u talab ukoll il-ħlas ta' danni minħabba ħsarat li jgħid li l-konvenuti għamlu fil-lanċa. Il-konvenuti fir-rikonvenzjoni jgħidu li l-ftehim kien biss li l-lanċa tkun depożitata għandhom fl-interess tal-attur, u talbu l-ħlas ta' spejjeż li għamlu fuq il-lanċa fl-interess tal-attur; talbu wkoll danni għax igħidu illi, wara li ippermettew lill-attur jinqeda b'*cold store* mikri lilhom mill-gvern, huma tilfu l-kirja għax l-attur inqeda ħażin b'dak il-*cold store.* Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur igħid illi hu għandu lanċa tas-sajd u kien ftiehem mal-konvenut illi l-lanċa jinqdew biha l-konvenut u s-soċjetà konvenuta, li hija kumpannija tal-konvenut, u l-qligħ jinqasam bejn il-partijiet. Għalhekk għadda l-pussess tal-lanċa lill-konvenut. Minkejja dan, iżda, igħid l-attur, qatt ma ngħata sehmu mill-qligħ. Igħid ukoll illi kemm ilha l-lanċa f'idejn il-konvenut saritilha ħsara.

3. Għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. previa dikjarazzjoni li kwalunkwe ftehim konkluż bejn il-partijiet relativament għall-lanċa … ġie terminat, tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju jirritorna lir-rikorrenti l-imsemmija lanċa u l-makkinarju, aċċessorji u kunzijiet tagħha kollha;
>
> »2. fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-lanċa *de quo* huwa stess, a spejjeż tal-intimat;
>
> »3. tillikwida l-qligħ illi l-intimat ipperċepixxa bl-użu tal-lanċa tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas nofs dan il-qligħ lir-rikorrent;
>
> »4. tiddikjara li l-lanċa tar-rikorrenti soffriet ħsarat bħala konsegwenza ta' traskuraġni tal-intimat jew terzi inkarigati minnu, fiż-żmien li kienet fil-pussess esklussiv tal-istess intimat;
>
> »5. tillikwida d-danni sofferti mill-lanċa fiż-żmien li ilha fil-pussess tal-intimat u tikkundanna lill-intimat iħallas dawn id-danni lir-rikorrenti.«

4. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni li l-ftehim ma kienx kif igħid l-attur, iżda l-ftehim kien li l-konvenut "iżomm id-dgħajsa fil-kustodja tiegħu solament biex jagħmel pjaċir lill-attur li kien għaddej proċeduri ta' separazzjoni personali minn ma' martu". Ċaħdu wkoll li saret xi ħsara lil-lanċa.

5. Għall-għanijiet tar-rikonvenzjoni, il-konvenuti fissru illi fiż-żmien li l-lanċa kienet f'idejhom għamlulha spejjeż ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsa u disgħin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€27,895.61). Fissru wkoll illi biex jagħmlu pjaċir ieħor lill-attur kienu ħallewh jinqeda b'*cold store* mikri lilhom mill-gvern. L-attur iżda ma ħarisx il-kondizzjonijiet għall-użu tal-*cold store* u l-konvenuti għalhekk tilfu l-kirja u b'hekk ġarrbu danni.

6. Il-konvenuti għalhekk ressqu dawn il-kontro-talbiet biex il-qorti:

> »1. tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuti s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsa u disgħin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€27,895.61) rappresentanti spejjeż magħmula fuq lanċa tal-attur …;
>
> »2. tiddikjara illi l-attur, abużivament u bil-moħbi tal-konvenuti, żamm merċa fil-*cold store* tal-konvenuti li ma kinitx permessibbli li tinżamm hemmhekk b'konsegwenza illi l-konvenuti ġew żgumbrati mill-istess *cold store*;
>
> »3. tiddikjara illi minħabba f'hekk l-attur ikkawża danni lill-konvenuti;
>
> »4. tillikwida d-danni hekk sofferti;
>
> »5. tikkundanna lill-attur iħallas is-somma hekk likwidata.«

7. L-attur wieġeb illi l-ftehim kien kif qal hu, mhux kif igħidu l-konvenuti. Igħid ukoll illi f'kull każ l-ispejjeż li jippretendu l-konvenuti huma esaġġerati u ċaħad li fil-*cold store* żamm xi merċa li ma setgħetx tinżamm hemmhekk.

8. L-ewwel qorti ċaħdet kemm it-talbiet tal-attur u kemm il-kontrotalbeit tal-konvenuti għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Ikkonsidrat:
>
> »illi din il-kawża tirrigwarda talba għal dikjarazzjoni illi kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet relativament għall-lanċa … kien ġie terminat u talba sabiex l-imsemmija lanċa, flimkien mal-aċċessorji, kunzijiet u makkinarju kollha tagħha, jiġu rritornati mill-konvenuti lill-attur *entro* terminu stabbilit, u li fin-nuqqas l-istess attur jiġi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-lanċa huwa stess, bl-ispejjeż kollha konnessi mar-ripriża a kariku tal-konvenuti. Saret talba wkoll għal-likwidazzjoni tal-qligħ perċepit mill-konvenuti bl-użu tal-lanċa u sabiex nofs dan il-qligħ jitħallas lill-attur. Talba oħra kienet illi jiġi ddikjarat li l-lanċa soffriet ħsara kemm ilha fil-pussess tal-konvenuti u li jiġu likwidati d-danni kollha sofferti mill-lanċa, sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu-hom lill-attur.
>
> »Illi, fil-mertu, din il-kawża *si tratta* allegat ftehim verbali li sar bejn il-partijiet rigward il-lanċa … proprjetà tal-attur. Mill-bidunett, il-mertu ta' tali ftehim verbali ġie kkontestat u li għalhekk mill-provi miġbura jirriżulta żewġ verżjonijiet differenti u konfliġġenti. Il-verżjoni tal-attur, u *ergo* t-talbiet tiegħu, hija illi l-ftehim verbali bejn il-kontendenti kien illi l-lanċa tal-attur tgħaddi fil-pussess tal-konvenut biex huwa jużaha għas-sajd prinċipalment tat-tonn u l-pixxispadd, f'ismu jew *tramite* l-kumpanija konvenuta *Lambusa Maritime Company Limited*, b'dan illi l-profitti netti mill-istess negozju jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, b'dan ukoll illi l-konvenut kellu jkun responsabbli li jqabbad il-ħaddiema biex joperaw il-lanċa u jħallashom mis-sehem tiegħu.
>
> »Min-naħa l-oħra, il-verzjoni tal-konvenut hija illi l-ftehim verbali bejniethom kien illi huwa jżomm il-lanċa tal-attur fil-kustodja tiegħu u li jpoġġi l-lanċa fuq l-irmiġġ tiegħu ġewwa Marsaxlokk, u dana solament sabiex jagħmel pjaċir u jgħin lill-attur li kien għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni personali minn ma' martu dawk iż-żminijiet.
>
> »illi l-qorti għaldaqstant ser tagħmel analiżi tal-provi hekk kif miġbura, sabiex jiġi stabbilit il-bażi tal-ftehim bejn il-partijiet, u *cioè* kienx pjaċir, kif jallega l-konvenut biex iżomm il-lanċa fuq l-irmiġġ tiegħu, jew kienx ftehim dwar trasferiment tal-pussess tal-lanċa f'idejn il-konvenuti biex isir biha negozju ta' sajd minn Malta bit-tqassim tal-profitti netti bejn il-partijiet.
>
> »Għalkemm mill-provi prodotti jirriżulta illi l-attur apparentement dejjem sostna l-istess verzjoni, *vide affidavit* tiegħu *a foll.* 12 *et seq.*:
>
> > »"Fis-sena elfejn u sitta (2006) jiena bdejt proċeduri ta' separ-azzjoni personali minn ma' marti … Meta l-konvenut Anġlu Mifsud sar jaf b'dawn il-problemi li kelli huwa ssuġġerixxa illi jibda juża l-lanċa hu fis-sens illi hu jieħu l-pussess tal-lanċa u jqabbad in-nies jaħdmu biha hu. Jiena aċċettajt u konna ftehmna illi hu kellu jieħu l-pussess tal-lanċa u jibda jaħdem biha; il-ftehim kien verbali u konna bqajna illi mill-qligħ li jsir l-ewwel jitnaqqsu l-ispejjeż, imbagħad li l-qligħ li jifdal kellu jinqasam min-nofs bejni u bejnu. Konna ftehemna wkoll illi l-ħaddiema kellhom jitħallsu min-nofs tar-rikavat li kien se jieħu hu biex jien ma jkolli xejn x'naqsam

> magħhom. Huwa kien qalli illi anke jekk nikruha lil tat-tonn biss, ukoll kien se jibqagħlna qligħ tajjeb."

»u xiehda tiegħu fis-seduta fl-1 ta' Novembru 2012 *a foll.* 402 *et seq*:

> »"Dan it-tip ta' ftehim fuq din il-lanċa ġieli għamiltha ma' diversi nies, u *cioè* li jkun hemm xi ħadd li joħodli ħsiebha u kont intih iktar minn sehem. Ma' Mifsud kien differenti l-ftehim, għax 50/50. Din id-darba kienet differenti għaliex is-soltu mal-oħrajn kont noħroġ magħhom, però ma' Mifsud jiena qatt ma ħriġt."

»u fis-seduta fil-25 ta' Jannar 2013 *a fol.* 415:

> »"jiena l-lanċa tajhtielu mhux biex joħroġ jistad, però biex jieħu ħsiebha u jmexxiha hu u mbagħad naqsmu l-ispejjeż, u s-sajjieda kellu jqabbadhom hu. Kien qalli wkoll li kien għamel kuntratt tat-tonn ma' dawk li jġibu l-gaġeg u sallum ma rajt xejn, paroli biss. Qalli li kellu l-kuntratti lesti, għalhekk tajthielu l-lanċa."

»din il-qorti, wara li għarblet ix-xiehda kollha prodotta f'dan il-każ, tagħraf li bl-ebda mod ma tista' tagħti affidibilità jew kredibilità lix-xiehda tal-attur. Dan qiegħed jingħad għal diversi ragunijiet. Prinċipalment il-qorti ma tista' tagħti ebda affidibilità lilll-attur meta jirriżulta li huwa ikkonsenja lanċa tiegħu lill-intimat biss sabiex tiġi skapriċċata martu minn qligħ tal-komunjoni tal-akkwisti fil-kawża ta' separazzjoni li kienet għadha pendenti bejniethom. *Di più* din il-qorti ma tistax tagħti affidibilità lill-attur li saħansitra għamel skrittura privata quddiem nutar ta' self fittizju t'għoxrin elf mingħad l-intimat għall-istess skop, *cioè* biex igħabbi l-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk jisċapriċċa lil martu u jevita' illegalment li jgħaddilha dak dovut lilha.

»Illi *di più* hemm provi skjaċċanti illi minkejja illi [l-lanċa] kienet tqiegħdet f'*hard standing facilities* Marsaxlokk u dan minn Settembru 2008 sal-gurnata tal-llum, Francis Schembri pprezenta riċevuti ta' bejgħ ta' hut mill-lanċa in kwistjoni fis-sena 2008 – dok. RS5, u dok. RS6 għas-sena 2009.

«Illi hekk, skond l-*email* Dok RS7, l-attur kien ippreżenta r-riċevuti tas-sena 2009 lix-xhud Rita Spiteri ġurnata qabel ma hija bagħtet l-imsemmija *email*, u cioè fis-7 ta' April 2010. Illi l-kawża in deżamina kienet ġiet istitwita fit-22 ta' Marzu 2010, u *cioè* dawn l-imsemmija rċevuti għas-sena 2009 kienu ġew ippreżentati mill-attur lix-xhud Rita Spiteri b'insistenza da parte tal-attur (*"he insisted … to record these sales on the vessel"*) wara li kienet infetħet il-kawża in deżamina. Illi anke *prima facie*, u skond l-*email* ikkwotata, il-preżentata ta' dawn ir-riċevuti hija waħda suspettuża immens, kif inhi suspettuża l-insistenza tal-attur max-xhud Spiteri. Il-qorti tagħel aċċenn wkoll għall-ittra datata 29 ta' April 2010 iffirmata mid-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tar-Regolament tal-Agrikoltura u s-Sajd, Dr Anthony Gruppetta u mibgħuta lill-avukat tal-attur, Dr Angele Formosa (dok. RS8), li fiha jingħad:

> »"Minn informazzjoni li għandu dan id-dipartiment il-bastiment … ilu fuq l-iskall għas-sajjieda, Ponta tal-Qrejten, Marsaxlokk, mis-17 ta' Settembru 2008. Għaldaqstant is-Sur Francis Schembri ma jistax jirreġistra qabda fuq dan il-bastiment għax inkella jkolli nfittxu għal informazzjoni falza."

»Illi fir-rigward ta' dok. RS6 ġiet preżentata *email* datata 8 t'April 2010 (dok. RS7) illi fiha jingħad

> »"... I would like to draw your attention that although this vessel has a non-operational licence and has been standing on the hard since September 2008, yesterday the owner (Schembri Francis of M'Forn Gozo) has presented this office with fiscal receipts for sale of fish with direct sales from this vessel. The receipts he presented totalled to €13,060.85 of sale of fish caught by the vessel … I informed the owner that we are aware that this vessel is on the hard but he insisted … to record these sales on this vessel. No fish was recorded to be sold at the Fish Market from this vessel in 2009. I thought of informing you on the situation because I find it verv strange that a vessel can fish whilst on the hard!"

»Dan kollu huwa wkoll sostanzjat mix-xiehda tal-konvenut meta jagħti t-testimonjanza fuq l-uzu tal-*VAT* n*umbers*.

»L-uniċi *fiscal reċeipts* li jappartjenu lill-intimat huma 000204/203/202 /201 li jammontaw għall Lm5,050.00.

> "Dak li ddikjara Francis dwar l-ammont ta' *fiscal receipt* 29,811.00 huma fuq *VAT* li ma jeżistix u fuq kumpannija li ma teżistix. Tant hu hekk illi meta s-Sur Tanti mill-*Fisheries* xehed staqsejnieh kemm qabdet ħut id-dgħajsa. Dan kull ma ppreżenta kien biss statistika li kellu minn fuq informazzjoni tad-dipartiment. Meta ntalbu l-*vouchers* tal-bejgħ tal-ħut tal-pixkerija dawn ma sabu l-ebda *records* u l-unika *records* li ngiebu għal din il-kawża kienu *VAT fiscal receipts* li kien ippreżentahom Francis Schembri lil Rita Spiteri. Tanti ippreżenta dokument li wera li fl-2006 qabdet 41,356, fl-2007 27,880 u fl-2008 1,077. Meta staqsejna lil Joseph Zahra tal-koperattiva dwar min ħallas id-djun tad-*diesel* dan qal li ħallsu min għandu l-irċevuta … … ."

»Il-qorti għaldaqstant, meħuda in konsiderazzjoni l-fatturi fuq indikati, tagħraf li ma tistax isserraħ fuq x-xiehda tal-attur, u b'mod speċjali ma tistax tqis ipprovat skond il-liġi li kien hemm ftehim ta' negozju dwar il-lanċa … fuq il-binarji li l-attur ipprova jipperswadi lil din il-qorti.

»Il-verżjoni tal-konvenut rigwardanti n-natura tal-ftehim verbali bejn il-partijiet hija kompletament differenti:

> »"F'Marzu 2008 kien ċempilli Francis Schembri u qalli li kien lest iġib il-bastiment Malta u jsib baħrin minn hawn biex juri lill-i*staff* li kellu li hu ma kienx bżonnhom. Kien talabni biex nisilfu fejn jorbot il-lanċa u nsiblu xi *crew*. Jien għidtlu biex jara jirranġax ma …l-*crew* li kellu qabel. Schembri webbes rasu u ġab il-bastiment f'Malta, u *cioè* Marsaxlokk, u konna poġġejnieh fuq irmiġġ tiegħi. Kien talabni biex insiblu xi *crew* biex jaħdem bih u jien kont għidtlu li kont ser nara nsiblux xi sajjied li ried jaħdem miegħu. Hu qalli li kien lest jaħdem miegħu u jaqsam il-qliegħ fuq *50/50 basis* bl-inġenji b'kollox wara li jaqtgħu l-ispejjeż."

»Il-konvenut reġa' tenna *a fol*. 367:

> »"Iċ-ċwievet tal-lanċa la m'huma u la qatt ma kienu għandi. Ftehim ma kien hemm qatt ma' Schembri. Iva, naqbel li l-*crew* kienu n-nies tiegħu, però kont qabbadthomlu jiena. Jiena kemm sibtlu dan il-*crew*, però ma kelli x'naqsam xejn ma' dan l-arranġament. Dan għamiltulu bħala pjaċir."

»Fl-*affidavit* ta' Monica Mifsud jirriżulta illi l-konvenut kien ġie mqabbad mill-attur biex jingaġġa baħrin biex jieħdu ħsieb il-lanċa*. A fol*l. 362 *et*

*seq*, hija xehdet illi ma kinitx preżenti għall-ftehim li sar bejn il-kontendenti u taf biss dak li qalilha żewġha. L-intimat min-naħa tiegħu jinnega kategorikament li qatt kien hemm ftehim għal negozju fuq il-lanċa in kwistjoni, u li dak li għamel kien biss biex jgħin lill-attur fis-sitwazzjoni ta' problemi matrimonjali li kien jinstab fihom.

»Għar-rigward tat-tieni talba l-qorti jehtieg illi tanalizza l-ispejjeż tal-*hard standing facility* li skond ix-xiehda ta' Marco Cassar, sal-31 ta' Jannar 2011, l-ammont dovut huwa ta' €17,020.26.

»Jidher ċar mill-provi prodotti illi l-attur kieku ried seta' jieħu l-pussess tal-lanċa, li dejjem kienet u baqgħet reġistrata f'ismu, billi jħallas il-miżati tal-*hard standing facility*. Il-qorti tagħraf li dan m'għamlux għaliex kien qed jippretendi li dan l-ammont jiġi mħallas mill-konvenut. Il-fatt illi l-attur allegatament ma kellux ċwievet u l-*logbook* f'idejh ma jbiddilx l-istat ta' fatt li, mal-awtoritajiet konċernati, il-lanċa baqgħet reġistrata f'ismu.

»Illi mill-provi prodotti jirriżulta li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet sabiex l-lanċa tittella' l-art, u *cioè* gewwa l-*hard standing facilities* gewwa Marsaxlokk, dan il-ftehim kien sar a bażi tal-fatt illi l-lanċa kellha tissewwa u li għalhekk kellha tibqa' fil-*hard standing facilities* sakemm isiru x-xogħolijiet riparatorji neċessarji.

»Illi għar-rigward it-talba tad-danni sofferti miż-żewġ kontendenti, ma jirriżultax ipprovat sodisfaċentement skond il-liġi illi l-ħsara fil-*gear box* ġiet kawżata minn xi negliġenza da parti tal-intimat jew tas-soċjetà intimata.

»Illi fir-rigward tat-tielet talba tal-attur, u *cioè* il-likwidar ta' nofs il-qligħ illi l-konvenut ipperċepixxa bl-użu tal-lanċa tal-attur skond il-"ftehim", il-qorti tagħraf illi seta' kien hemm xi bejgħ ta' ħut fl-ewwel parti tas-sena 2008 u dan *stante* li f'Settembru 2008 il-lanċa kienet ittellgħet fuq l-art ġewwa l-*hard standing facilities* Marsaxlokk.

»Illi jirriżulta provat sodisfaċentement li meta l-lanċa kienet għadha fil-pussess tal-attur, u *cioè* qabel Frar jew Marzu 2008, huwa kien jużaha għas-sajd, u skond dok. B (anness mal-kontro-talba tal-konvenuti) fis-sena 2006 il-bejgħ nett kien fl-ammont ta' €41,356; fis-sena 2007 il-bejgħ nett kien fl-ammont ta' €27,880; u fl-2008 (u *cioè* sa Jannar 2008 meta l-lanċa kienet għadha fil-pussess tal-attur) il-bejgħ nett kien fl-ammont ta' €1,077, u dan kuntrarjament għal dak li xehed il-konvenut.

»dok. B (anness mal-kontro-talba tal-konvenuti) kif ukoll ix-xiehda ta' Anthony Tanti, li esebixxa lista mill-2004 sal-2010 tal-ħut mibjugħ mill-lanċa in kwistjoni (dok. AT1) juri l-bejgħ ta' hut fis-snin 2006 u 2007, u juri b'mod ċar u inekwivoku illi, kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenuti, il-lanċa kienet fil-fatt qiegħda taħdem fis-snin preċedenti għall-"ftehim". Il-qorti tgħamel aċċenn għax-xhieda ta' Anthony Tanti, "Rigward dok. AT1, fejn hemm imnizzel "xejn", dan jirreferi għall-fatt li ma kien hemm xejn mill-pixkerija, però seta' kien hemm bejgħ ieħor però mhux mill-pixkerija".

»Illi din il-qorti digà kellha l-opportunità illi telabora fuq il-qerq manifest tal-attur u tagħmel referenza għal dak illi hija enunċjat fil-konfront ta' dok. RS6, dok. RS7 u dok. RS8. Dawn id-dokumenti jikkostitwixxu prova lampanti tal-*mala fede* tal-attur li jittenta li jiżgwida lill-qorti fir-rigward tat-tielet talba tiegħu għall-likwidar tal-qligħ illi l-konvenut bl-

użu tal-lanċa… u l-kundanna lill-konvenut sabiex iħallas nofs il-qligħ lill-attur.

»Il-qorti tgħaraf illi l-uniku prova ta' bejgħ ta' ħut għas-sena 2008 hija dik li giet irreġistrata mad-Dipartiment għar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd. Illi x-xhud Rita Spiteri esebiet dawn ir-riċevuti għas-sena 2008 (dok. RS5), minn fejn jirrizulta illi għas-sena 2008, kien hemm telf ta' €4,289.

»Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuti, u b'referenza għall-ewwel talba kif dedotta, jirriżulta illi tali talba, u *cioè* li l-attur jiġi kkundannat iħallas lill-konvenuti l-ammont ta' €27,895.61 rappreżentanti spejjeż magħmula fuq il-lanċa tal-attur, hija bbażata fuq dok. A (anness mal-kontro-talba tal-konvenuti), liema dokument huwa '*statement of aċċount*' maħruġa mis-soċjetà konvenuta *Lambusa Maritime Company Ltd*.

»Għar-rigward tat-talba għal risarċiment tan-nefqa u l-ammont żborżjat mill-konvenut u s-soċjetà tiegħu, din il-qorti tagħaraf illi l-konvenut u s-soċjetà intimata qegħdin jippretendu s-somma ta' €27,895.61 li minnhom €2,675 huwa *diesel*, €2,800 huwa għall-lixka u €2,750 huwa ammont imħallas lill-*crew* ta' din il-lanċa.

»Din il-qorti tagħraf illi *in vista* tan-nuqqas ta' ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti u fid-dawl tal-provi inkonsistenti għall-aħħar fil-kawża odjerna, *in vista* tal-fatt illi l-baħrin fuq il-lanċa … ma ġewx prodotti miż-żewġ kontendenti, il-qorti ma tarax kif hija tista' tikkonsidra l-ammonti pretiżi bħala provati skond il-liġi, aktar u aktar meta wieħed jirrealizza li l-konvenut u s-soċjetà tiegħu kienu jaħdmu fl-istess sfera ta' negozju, kellu l-lanċa tiegħu, għaldaqstant kien jeħtieg lixka, *fishing apparel* u *diesel* fl-istess perjodu ta' żmien. Infatti, Daniel Ferriggi qatt ma kien ra lill-attur qabel ma ltaqa' miegħu l-qorti f'dawn il-proċeduri. Hu kien strieħ kompletament fuq il-kelma tal-intimat Mifsud għal kif kellu joħroġ l-*invoices* u fuq liema bastiment.

»Il-qorti tagħarf illi x-xiehda tat-tliet baħrin fuq il-[lanċa] kienu vitali sabiex tiġi provata sodisfaċentement skond il-liġi l-vertenza li għandha quddiemha din il-qorti, b'mod speċjali għal dak pretiż fil-kontro-talba tal-konvenut u tas-soċjetà intimata.

»Għal dawn il-motivi, il-qorti … tiċħad l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba iżda l-pussess tal-lanċa għandha tkun a spejjeż tal-attur; tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tal-attur. Illi fil-konfront tal-kontro-talba, il-qorti tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba rikonvenzjonali tal-intimat u tas-soċjeta intimata.

»Fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-qorti tqis illi l-kawża tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.«

9. L-attur appella b'rikors tat-18 ta' Gunju 2015, li għalih il-konvenuti wieġbu, b'appell inċidentali, fit-3 ta' Lulju 2015. L-attur ma weġibx għall-appell inċidentali.

10. Fl-ewwel u t-tieni aggravji tal-appell ewlieni l-attur jikkontesta l-konklużjoni tal-ewwel qorti illi ma temminx il-verżjoni tiegħu dwar x'kien tassew il-ftehim bejn il-partijiet. Igħid illi:

> »… kieku l-ftehim konkluż bejn il-kontendenti sar mhux għal skop ta' negozju, żgur li l-konvenut ma kienx jintriga billi jfittex u jieħu ħsieb il-ħaddiema tal-lanċa, u jħallas għall-attur ammonti sostanzjali ta' flus riparazzjonijiet, *hardstanding facilities*, ħarira, snanar, *diesel* għall-lanċa u spejjeż oħra ta' fornituri tal-lanċa. Jiġi sottomess umilment li kieku verament il-ftehim bejn il-partijiet kien biex il-konvenut jagħmel pjaċir lill-attur, żgur li l-konvenut ma kienx iħallas dawn il-flus u jerfa' r-responsabilità kollha għall-*crew* u għall-fornituri tal-lanċa, aħseb u ara kieku l-ftehim kien addirittura sar għal xi skop illegali jew sabiex il-konvenut igħin lill-attur appuntu biex iqarraq u jiskapriċċa lill-mara tiegħu minħabba proċeduri ta' separazzjoni, kif ikkonkludiet erronjament l-ewwel qorti. Infatti, jiġi sottomess illi l-konklużjoni illi l-ftehim in kwistjoni sar appuntu "sabiex tiġi skappriċċata martu minn qligħ tal-komunjoni tal-akkwisti fil-kawża ta' separazzjoni", apparti li lanqas saret allegazzjoni da parti tal-konvenut f'dan is-sens, ma hijiex sorretta mill-provi u hija għalhekk żbaljata.«

11. Kompla jgħid hekk:

> »L-ewwel onorabbli qorti kkonkludiet illi minħabba r-riċevuti ppreżentati mill-attur dwar bejgħ ta' ħut mill-lanċa, liema riċevuti l-qorti qieset bħala foloz, ma setgħetx tqis bħala ppruvat skond il-liġi li kien hemm ftehim ta' negozju dwar il-lanċa … fuq il-binarji allegat mill-attur. Din il-konklużjoni ma hijiex korretta anke għaliex dan il-ftehim dwar negozju ma jirriżultax biss mix-xiehda tal-attur, ix-xhieda tiegħu u l-provi ċirkostanzjali oħra ta' dan il-każ, iżda wkoll *ex admissis* mill-konvenut u minn martu Monica Mifsud, li xehdu kif l-istess konvenut ħallas eluf ta' euro biex jgħallem il-*crew* l-ġdid u biex xtara ikel, *diesel* eċċetera għal-lanċa … … …«

12. Din il-qorti, wara li qieset sew ix-xiehda, ma tistax ma taqbilx mal-ewwel qorti dwar l-affidabilità tal-attur, mhux biss minħabba l-allegazzjoni li ried iqarraq b'martu – ħaġa li wara kollox il-konvenut ukoll deher li lest ikun kompliċi miegħu fiha – iżda wkoll u aktar għax fittex li jinqeda b'dokument li fih falz ideoloġiku biex joħloq prova li saret attività ekonomika bil-lanċa meta dik il-lanċa kienet fuq l-art; kif qal ir-rappreżentant tat-Taqsima tas-Sajd, "*I find it very strange that a vessel can fish whilst on the hard*".

13. Kif igħid l-attur fir-rikors tal-appell, iżda, dan ma jwassalx inevitabilment għall-konklużjoni illi l-ftehim ma kienx kif igħid hu. Lanqas ma jfisser li għax ma jitwemminx l-attur mela awtomatikament jitwemmen f'kollox il-konvenut li, wara kollox, kien *ex admissis* kompliċi miegħu fit-tentativ li jaħbi qligħ minn mart l-attur.

14. Il-konvenut jaqbel li kien hu li, fuq talba tal-attur, sablu ekwipaġġ għall-lanċa, iżda jgħid li l-ekwipaġġ tqabbad mhux biex jaħdem għalih iżda għall-attur. Tassew illi l-oneru tal-prova li l-ekwipaġġ tqabbad biex jaħdem għall-konvenuti bi sħab mal-attur u mhux għall-attur waħdu qiegħed fuq l-attur, li għamel din l-allegazzjoni. Tassew ukoll illi l-aħjar prova kienet tkun il-produzzjoni tal-baħrin bħala xhieda, iżda din il-prova ma saritx għax il-baħrin ma tressqux biex jixhdu.

15. Madankollu din il-qorti ma tistax ma tagħtix piż ukoll għall-fatt li l-konvenut lill-attur mhux biss sablu ekwipaġġ għal-lanċa iżda wkoll jaqbel illi għamel ħafna spejjeż fuq il-lanċa, u fil-fatt qiegħed jippretendi ħlas tagħhom bir-rikonvenzjoni. Martu stess qalet illi "kien ħareġ ħafna flus u ħallas lill-*crew* biex iħaddmu din il-lanċa, u ikel u *diesel* eċċ. – dak kollu li hemm bżonn biex tinħadem lanċa, u *cioè* eluf ta' liri"[1]. Il-qorti ssibha x'aktarx iebsa li temmen li l-konvenut kien sejjer joħroġ dawk il-flus kollha jekk ma kellu ebda interess fin-negozju, u biss biex jagħmel "pjaċir" lill-attur. Iebes ukoll li temmen li l-konvenut ħareġ dawk il-flus kollha għall-attur meta qal ukoll illi "… kien

[1] Xiehda ta' Monica Mifsud, mart il-konvenut, fl-24 ta' April 2012, *fol.* 208. Monica Mifsud qalet ukoll li xogħolha "huwa fl-*accounts* tal-kumpannija [konvenuta]; ara wkoll ix-xiehda tal-konvenut fl-istess seduta: "Iva, naqbel li ħriġt eluf ta' liri għas-Sur Schembri", *ibid. fol.* 210.

jixtri l-ħut mill-kumpannija tiegħi għar-*restaurant* tiegħu. Le, ma naqbilx li dejjem ħallasni għal dan il-ħut". Jekk "mhux dejjem" ħallsu kif kompla jħallih jiddejjen għal eluf ta' liri fuq il-lanċa jekk mhux għax kellu interess kummerċjali fl-attività ta' dik il-lanċa? Relevanti wkoll il-fatt illi l-konvenut xehed illi lill-attur "għidtlu biex jiġi jieħu d-dgħajsa … għaliex il-lanċa ma kenitx qed tiġġenera daqshekk flus"[2]. Jekk ma kellux interess fin-negozju bil-lanċa, għalfejn qagħad jinkwieta dwar kemm qiegħda tiġġenera flus jekk, kif igħid hu, l-iskop kollu ta' dan l-eżerċizzju kien biex igħin lill-attur fil-kwistjoni li dan kellu ma' martu?

16. Fil-fehma tal-qorti l-konvenut ma weriex li kien hemm raġuni għalfejn jieħu dik ir-responsabiltà kollha fuq spallejh ui jidħol għal dawk l-ispejjeż sempliċement biex igħin lill-attur iqarraq b'martu. Aktar tista' titwemmen għalhekk il-verżjoni li kien hemm negozju bejn il-partijiet u li l-konvenut daħal għal dak il-ftehim sabiex jagħmel qligħ mhux biss favur lill-attur.

17. Ma huwiex irrelevanti wkoll il-konflitt fix-xiehda tal-konvenut u ta' martu: il-konvenut igħid illi "ċ-ċwievet tal-lanċa la ma huma u la qatt ma kienu għandi"[3] waqt li martu tgħid illi "żewġi bilfors xi darba kellu ċ-ċwievet peress illi kien iħaddimha"[4].

18. Meqjus kollox, u minkejja li din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li hemm x'juri li x-xiehda tal-attur ma hijiex ta' min joqgħod fuqha, u li ma tressqitx l-aħjar xiehda, iżda meqjusa wkoll il-fatti msemmija fil-

2 Xiehda tal-konvenut fil-5 ta' Ottubru 2012, *fol.* 220.

3 Xiehda tal-konvenut fl-24 ta' April 2012, *fol.* 210.

4 *Ibid. fol.* 209.

paragrafi ta' qabel dan, din il-qorti temmen illi, aktar iva milli le, il-ftehim bejn il-partijiet kien dak ta' sħubija kif igħid l-attur u mhux ta' mandat u depożitu kif igħid il-konvenut. Għalhekk ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar in-natura tar-relazzjoni legali bejn il-partijiet.

19. Dan iwassal għal rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tiċħad it-talbiet tal-attur.

20. L-ewwel talba ġiet miċħuda u t-tieni talba ntlaqgħet b'dan li l-ispejjeż biex jieħu lura l-lanċa jħallashom l-attur.

21. Fil-fehma ta' din il-qorti l-ewwel żewġ talbiet – biex jinħall il-ftehim u biex il-konvenut irodd lura l-lanċa bl-apparat kollu tagħha – għandhom jintlaqgħu. Ladarba l-ftehim ma huwiex qiegħed jiġi implimentat għax ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet ħżienu, ma hemmx raġuni għala għandu jibqa' fis-seħħ, u l-qorti għalhekk tiddikjara li l-ftehim għandu jitqies li ntemm b'seħħ minn Diċembru tal-2009, meta l-attur sejjaħ lill-konvenut b'att ġudizzjarju biex iroddlu l-lanċa u l-apparat kollu li hemm magħha.

22. L-ispejjeż biex tintradd il-lanċa huma l-ispejjeż għall-ħlas tal-kera talli qiegħda tinżamm fuq l-art. Sakemm kien għadu fis-seħħ il-ftehim, dawn l-ispejjeż kellhom jitnaqqsu mill-qligħ li għamlet il-lanċa, iżda wara Diċembru tal-2009 l-ispejjeż għandhom iħallsuhom il-konvenuti. Għalhekk l-ispejjeż minn Settembru 2008, meta l-lanċa ttellgħet l-art, sa Diċembru 2009, meta għandu jitqies li ntemm il-ftehim, jitnaqqsu

mill-qligħ; l-ispejjeż minn Jannar 2010 'il quddiem iħallsuhom il-konvenuti.

23. It-tielet talba hija għal sehem l-attur mill-qligħ.

24. Il-lanċa tħaddmet mill-konvenuti minn Marzu 2008 sa Settembru 2008 meta ttellgħet l-art għax kellha l-ħsara. Ma hemmx xiehda li tista' toqgħod fuqha dwar xi qligħ għamlet f'dawk ix-xhur. Kif ingħad fis-sentenza appellata, l-attur ipprova jinqeda b'falz ideoloġiku biex joħloq prova ta' qligħ. Ix-xiehda li hemm hija dik ta' dok. RS5, esebit minn Rita Spiteri tad-Dipartiment għar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd, li juri illi għas-sena 2008 kien hemm telf ta' erbat elef, mitejn u disgħa u tmenin euro (€4,289). Din iċ-ċifra wkoll ma tistax toqgħod fuqha għax il-konvenuti ma iddikjarawx xi dħul kien hemm bejn Marzu u Settembru tal-2008.

25. Tista' tasal għal stima ta' kemm seta' kien hemm qligħ billi tieħu medja mis-snin ta' qabel, meta l-lanċa kien iħaddimha l-attur. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi ta' nuqqas ta' xiehda li tista' toqgħod fuqha – wara kollox ma hemm ebda serħan il-moħħ li ċ-ċifri tal-qligħ li għamel l-attur qabel l-2008 huma aktar ta' minn joqgħod fuqhom milli fuq ċ-ċifri li ipprova joħloq għall-2008[5] – il-qorti hija tal-fehma illi l-qligħ li seta' kien hemm jista' jiġi, bla ma ssir inġustizzja ma' ebda waħda mill-partijiet, paċjut mal-ispejjeż li huma l-meritu tal-kontro-talba tal-konvenuti.

[5] L-attur kellu interess jonfoħ dawn iċ-ċifri għax fuqhom jinħadem is-sussidju fuq id-*diesel*.

26. Ir-raba' u l-ħames talbiet huma għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba ħsarat li ġarrbet il-lanċa. Din il-qorti iżda taqbel mal-ewwel qorti illi ma hemm ebda prova li dawn il-ħsarat seħħew bi ħtija tal-konvenuti jew ta' nies imqabbda minnhom. Għalhekk is-sentenza appellata, safejn ċaħdet dawk it-talbiet, għandha tiġi konfermata.

27. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali.

28. L-ewwel aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-ewwel kontro-talba tal-konvenuti, dik biex il-qorti "tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuti s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsa u disgħin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€27,895.61) rappresentanti spejjeż magħmula fuq lanċa tal-attur". Il-konvenuti jgħidu illi dik it-talba kellha tintlaqa' għax għamlu prova li tassew għamlu dawk l-ispejjeż.

29. L-ispejjeż pretiżi mill-konvenuti huma elenkati fid-dok. B mehmuż mat-tweġiba maħlufa tiegħu. Jingħad qabel xejn illi wħud mill-partiti f'dik il-lista ma humiex "spejjeż magħmula fuq lanċa tal-attur" iżda l-prezz ta' ħut mibjugħ, lanqas lill-attur iżda lis-soċjetà tiegħu *Neptunes Bar and Restaurant Company Limited*. Mela kemm għax il-ħlas għal dan il-ħut huwa dovut mhux mill-attur iżda mill-kumpannija, li, għalkemm hija tal-attur, għandha personalità għaliha, u kemm għax f'kull każ dawn ma humiex spejjeż magħmula fuq il-lanċa, din il-parti tat-talba ma tistax tintlaqa', bla ħsara għal kull jedd li jista' jkollhom il-konvenuti għall-ħlas ta' dawk il-partiti fi proċeduri oħra.

30. Dwar il-bqija, din il-qorti ġà osservat fil-para. 25, *supra*, illi dawn l-ispejjeż jiġu paċjuti mal-qligħ, ladarba fiċ-ċirkostanzi la l-qligħ u lanqas

l-ispejjeż ma jistgħu jiġu preċiżati billi l-qorti temmen illi fil-verità ebda waħda mill-partijiet ma tagħti garanzija ta' affidabilità: l-attur għax ipprova joħloq prova tal-qligħ b'falz ideoloġiku u l-konvenut għax ipprova jaħbi l-fatt li ħaddem il-lanċa u ma tax tagħrif dwar id-dħul minn dik l-attività. Bit-tpaċija ssir ġustizzja xierqa maż-żewġ partijiet.

31. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

32. It-tieni aggravju jolqot it-talbiet l-oħra, dawk għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni talli l-attur tellef lill-konvenuti l-kirja ta' *cold store*. Il-konvenut igħid illi, wara li ippermetta lill-attur jinqeda bil-*cold store* mikrija lilu mill-gvern, l-attur qiegħed fiha prodotti li taħt il-kondizzjonijiet tal-kiri ma setgħux jitqiegħdu hemm, u l-gvern għalhekk temmlu l-kiri. Biex jinqeda, il-konvenut kellu jikri tliet *reefer containers* li għalihom ħallas kera ta' erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin euro (€24,850).

33. Jekk tassew il-kiri tal-*cold store* intilef bi ħtija tal-attur, id-danni kienu jkunu d-differenza bejn il-kera li l-konvenuti ħallsu għall-*containers* u l-kera li kienu jħallsu lill-gvern li kieku l-kiri mill-gvern ma ntemmx. Dan il-kalkolu ma jistax isir għax prova ta' x'kera kien jitħallas lill-gvern ma hemmx.

34. Barra minn hekk, huwa relevanti wkoll il-fatt illi l-*containers*, li nkrew għal erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin euro (€24,850), inkrew mill-konvenuti mingħand kumpannija oħra tagħhom stess[6]. F'dawn iċ-ċirkostanzi kien ikun xieraq illi tinġieb prova li l-kera li tħallas mill-

[6] Xiehda ta' Monica Mifsud, mart il-konvenut, fl-24 ta' April 2012, *fol.* 207.

konvenuti, effettivament lilhom infushom, kien kera bir-rata tas-suq, u mhux kera minfuħ bi ftehim magħhom infushom biex jiżdiedu d-danni. Din il-prova wkoll ma saritx.

35. Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm hemm prova li l-kiri tal-*cold room* tassew intemm għax sar użu ħażin minnu, ma hemmx prova li kien l-attur li kiser il-kondizzjonijiet tal-kiri mal-gvern. Mart il-konvenut xehdet illi kienu jħallu lil terzi jinqdew b'dan il-*cold store*, u mhux biss lill-attur[7], u għalhekk kull wieħed minn dawn seta' kien dak li kiser il-kondizzjonijiet.

36. Meqjus in-nuqqas ta' attendibilità tax-xiehda taż-żewġ partijiet, din il-qorti ma tisax b'serenità tilqa' dan l-aggravju, li għalhekk huwa miċħud ukoll.

37. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell u mill-appell inċidentali billi tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tħassarha fejn ċaħdet l-ewwel talba u laqgħet it-tieni talba b'dan li l-ispejjeż relattivi jitħallsu mill-attur;

    ii. tipprovdi, minflok, billi tilqa' l-ewwel talba: tgħid illi l-ftehim bejn il-partijiet għandu jitqies li ntemm f'Diċembru tal-2008, u tikkundanna lill-konvenuti jroddu l-lanċa bit-tagħmir kollu tagħha lill-attur, b'dan illi l-ispejjeż relattivi għaż-żmien bejn Settembru 2008 u Diċembru 2009 jiġu paċjuti mal-qligħ li sar fiż-żmien meta l-lanċa kienet titħaddem mill-konvenuti, u l-ispejjeż

[7] *Ibid.*

relattivi għaż-żmien wara Diċembru tal-2009 iħallsuhom il-konvenuti; tilqa' t-tieni talba billi tagħti lill-attur is-setgħa li jieħu l-lanċa jekk il-konvenuti jonqsu li jrodduha fi żmien xahar millum, b'dan li l-ispejjeż jinqasmu kif ingħad aktar 'il fuq;

iii. tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tielet talba billi l-qligħ hu paċjut mal-ispejjeż u ma jibqa' dovut ebda bilanċ;

iv. tikkonfermaha fejn ċaħdet ir-raba' u l-ħames talbiet;

v. tikkonfermaha fejn ċaħdet il-kontro-talbiet;

vi. tirriformaha fi-parti dwar l-ispejjeż tal-ewwel grad; tordna, minflok, illi l-ispejjeż relattivi għat-talbiet tal-attur jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (1/3) jħallsu l-attur u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom il-konvenuti; l-ispejjeż tar-rikonvenzjoni jħallsuhom il-konvenuti.

38. L-ispejjeż tal-appell ewlieni jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (1/3) jħallsu l-attur u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom il-konvenuti; l-ispejjeż tal-appell inċidentali jħallsuhom il-konvenuti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm